MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 174/2012

AB

vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fit-tmienja u għoxrin (28) ta’ Marzu tas-sena elf disgħa mija tmienja u disgħin (1998) (Dok A – certifikat taz-zwieg anness) u l-partijiet kellhom tifla waħda, M  li twieldet fis-sebgħa u għoxrin (27) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u wieħed (2001) u li għadha minorenni (ċertifikati tat-twelid tal-minuri anness u mmarkat Dok B.)

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Peter Fleri Soleri mit-tmienja u għoxrin (28) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (2003) (Ara Dok C anness.)

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabiet ma' persuni ohrajn.

Illi l-partijiet irrinunzjaw mid-dritt ta' manteniment mingħand xulxin u dan skond ma jirrizulta mill-Artikolu numru wieħed tal-imsemmi kuntratt.

Illi manteniment għat-tifla minuri huwa regolat permezz ta' l-Artikolu numru tnejn (2)(g) tal-imsemmi kuntratt fejn jgħid: *'The Husband undertakes and binds himself to pay unto his wife, by way of maintenance for the needs of the child, the monthly sum of one hundred Maltese Liri (Lm100) This maintenance shall be increased every two (2) years in accordance with the cost of living index published and maintained by the Government of Malta.'* U kif ukoll l-Artikolu (2)(h) li jkompli hekk *'The wife undertakes to pay all expenses connected with the upbringing of the minor daughter.'*

Illi arretrati ta' manteniment fir-rigward tal-minuri ma hemmx dovuti.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-ħall taz-zwieg li gie ċċelebrat fl-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu tas-sena elf disgħa mija tmienja u disgħin (1998)
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imħolli għall daqsekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-

Registru Pubbliku bil-ħall taz-zwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tat-28 ta’ Marzu, 2012;
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ipprezentax risposta u ma deherx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ippruvat illi il-partijiet ilhom legalment separati mit-28 ta’ Ottubru 2003;

Illi ir-rikorrenti ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi l-partijiet kienu irrinunzjaw mid-dritt ta’ manteniment minghand xulxin;

Illi ir-rikorrenti ippruvat illi ma hemm l-ebda arretrati ta’ manteniment dovut ghat-tifla minuri;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------